KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
ĆAPETA
ippreżentati fil-5 ta' Ġunju 2025[1]

Kawża C-811/23 P

Il-Kummissjoni Ewropea
vs
Zippo Manufacturing Co.,

Zippo GmbH

"Appell – Politika kummerċjali komuni – Regolament (UE) Nru 654/2014 – Miżuri adottati mill-Istati Uniti dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-aluminju u tal-azzar – Miżuri ta' 'bbilanċjar mill-ġdid' fil-forma ta' dazji addizzjonali *ad valorem* fuq ċerti kategoriji ta' prodotti – Dritt għal smigħ"

I. Introduzzjoni

1. Reċentement, il-President tal-Istati Uniti Donald J. Trump qal: "Għalija, l-isbaħ kelma fid-dizzjunarju hija 'tariffa', u hija l-kelma favorita tiegħi"[2].

2. Il-faxxinu tal-President Trump bit-tariffi tmur lura għall-ewwel mandat presidenzjali tiegħu, jekk mhux qabel. Fl-2018, fuq istruzzjoni tiegħu, l-Istati Uniti imponew dazji *ad valorem* fuq diversi tipi ta' prodotti tal-azzar ta' oriġini differenti, inkluż mill-Unjoni Ewropea. B'risposta għal dan, l-Unjoni Ewropea imponiet miżuri ta' bbilanċjar mill-ġdid fil-forma ta' dazji *ad valorem* addizzjonali fuq ċerti linji tariffarji tal-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda[3] (iktar 'il quddiem "NM").

3. Waħda mill-kategoriji ta' prodotti li kienet taqa' f'dik il-kwistjoni taħraq tal-ġeopolitika kien il-kodiċi NM 9613 80 00 ("Lajters oħrajn"), li fuqu r-Regolament ta' Implimentazzjoni(UE) 2020/502[4] (iktar 'il quddiem "ir-regolament ikkontestat") impona tariffa *ad valorem* addizzjonali ta' 20 %.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Ara Leonard, J., "In Trump's Economic Plan, Tariff is 'the Most Beautiful Word'" https://www.bloomberg.com/news/newsletters/2024-10-15/in-trump-s-economic-plan-tariff-is-the-most-beautiful-word, 15 ta' Ottubru 2024.

[3] Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) No 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382)

[4] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/502 tas-6 ta' April 2020 dwar ċerti miżuri ta' politika kummerċjali li jikkonċernaw ċerti prodotti li joriġinaw fl-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU 2020, L 109, p. 10).

4. Il-lajter "Zippo", prodott kwintessenzjalment Amerikan, jista' jiġi kklassifikat f'dik il-kategorija ta' prodotti. Għaldaqstant, Zippo Manufacturing Co., Zippo GmbH u Zippo SAS (iktar 'il quddiem, flimkien, "Zippo")[5] ikkontestaw dan ir-regolament li qed jiġi kkontestat quddiem il-Qorti Ġenerali. Wieħed mill-argumenti tagħhom kien li kellhom jinstemgħu qabel l-impożizzjoni ta' dawn id-dazji.

5. Fis-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2023, Zippo Manufacturing u Zippo vs Il-Kummissjoni (T-402/20, EU:T:2023:640) (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), il-Qorti Ġenerali qablet ma' dan l-argument.

6. Il-Kummissjoni Ewropea appellat dik is-sentenza billi argumentat, fost affarijiet oħra, li d-dritt għal smigħ, kif iggarantit mill-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), ma japplikax f'dan il-każ. Jiena naqbel.

II. Il-fatti li wasslu għall-kawża

A. Il-proċedura amministrattiva

7. L-isfond tat-tilwima preżenti huwa stabbilit fil-punti 2 sa 13 tas-sentenza appellata. Dak li jeħtieġ li jitfakkar huwa dan li ġej.

8. Fit-2 ta' Marzu 2018, il-President kiteb fuq Twitter, fost suġġetti oħra, dan li ġej:

"Irridu nipproteġu lil pajjiżna u lill-ħaddiema tagħna. L-industrija tal-azzar tagħna tinsab f'qagħda ħażina. JEKK MA JKOLLOKX AZZAR MA JKOLLOKX PAJJIŻ!"[6].

9. Fit-8 ta' Marzu 2018, l-Istati Uniti adottaw miżuri fil-forma ta' tariffa *ad valorem* ta' 20 % fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar u tal-aluminju fost l-oħrajn mill-Unjoni Ewropea, effettivi mit-23 ta' Marzu 2018 u għal tul illimitat[7].

10. Fis-16 ta' Mejju 2018, b'reazzjoni għal dawk il-miżuri, il-Kummissjoni ppubblikat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (EU) 2018/724[8] sabiex tapplika, fi stadji, dazji doganali addizzjonali fuq ċerti prodotti mill-Istati Uniti. Il-firxa magħżula ta' prodotti koperti mill-kodiċijiet NM li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament tinkludi l-qamħirrun ħelu, il-cranberries, it-tabakk, makeup, ħwejjeġ, prodotti tal-azzar, bourbon, il-karta, ix-xedd tas-saqajn, l-oġġetti tad-dar, il-magni tal-ħasil, il-batteriji, il-vetturi bil-mutur, il-muturi, il-bastimenti tas-sajd, u d-dgħajjes bil-mutur.

5 B'risposta għal dan l-appell, Zippo tindika li Zippo SAS ma baqgħetx teżisti.

6 Ara The American Presidency Project, Tweets tat-2 ta' Marzu 2018, disponibbli fuq: https://www.presidency.ucsb.edu/documents/tweets-march-2-2018.

7 Ara r-Reġistru Federali tal-Istati Uniti, Proklama 9705 tat-8 ta' Marzu 2018, (Adjusting Imports of Steel Into the United States), FR Doc. 2018-05478. Dawk it-tariffi ġew ittardjati iktar sal-1 ta' Mejju 2018 u mbagħad sal-1 ta' Ġunju 2018; ara r-Reġistru Federali tal-Istati Uniti, Proklama 9711 tat-22 ta' Marzu 2018, (Adjusting Imports of Steel Into the United States), FR Doc. 2018-06425, u)8, (Adjusting Imports of Steel Into the United States), FR Doc. 2018-09841.

8 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/724 tas-16 ta' Mejju 2018 dwar ċerti miżuri ta' politika kummerċjali li jikkonċernaw ċerti prodotti li joriġinaw fl-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU 2018 L 122, p. 14) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament (UE) 2018/724"). Sa fejn kienu jikkonċernaw il-muturi, dawk id-dazji saru s-suġġett ta' kawża li wasslet għas-sentenza tal-21 ta' Novembru 2024, Harley-Davidson Europe u Neovia Logistics Services International vs Il-Kummissjoni (C-297/23 P, EU:C:2024:971).

11. Fit-18 ta' Mejju 2018, l-Unjoni Ewropea nnotifikat lill-Kunsill għall-Kummerċ fil-Merkanzija tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (iktar 'il quddiem il-"WTO) is-sospensjoni proposta ta' konċessjonijiet u ta' obbligi oħra, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tal-Ftehim tal-WTO dwar is-Salvagwardji, dwar il-kodiċijiet NM elenkati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2018/724[9].

12. Fl-24 ta' Jannar 2020, l-Istati Uniti espandew it-tariffi sabiex ikopru ċerti prodotti dderivattivi tal-azzar u tal-aluminju, li kellhom japplikaw mill-24 ta' Jannar 2020, għal darba oħra b'tul illimitat[10].

13. Fis-6 ta' Marzu 2020, skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 654/2014 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament dwar l-Infurzar")[11], il-Kummissjoni talbet il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati permezz ta' komunikazzjoni ppubblikata fuq is-sit internet tad-Direttorat Ġenerali (DĠ) għall-Kummerċ tal-Kummissjoni[12] Il-ġbir ta' informazzjoni li mitlub mid-DĠ Kummerċ diġà f'dak iż-żmien kien relatat fost affarijiet oħra mal-kodiċi NM 9613 80 00[13].

14. Zippo ma pparteċipatx f'dan l-eżerċizzju.

15. Fis-7 ta' April 2020, il-Kummissjoni ppubblikat ir-regolament ikkontestat.

16. Fih, il-Kummissjoni tispjega li "[m]inkejja li l-Istati Uniti kkaratterizzaw dawn il-miżuri bħala miżuri ta' sigurtà, essenzjalment dawn huma miżuri ta' salvagwardja"[14]. Għaldaqstant, u minħabba li l-konsultazzjonijiet mal-Istati Uniti ma rriżultawx f'soluzzjoni sodisfaċenti, l-Unjoni Ewropea eżerċitat id-dritt tagħha ta' sospensjoni u bbilanċjar mill-ġdid tal-konċessjonijiet, f'konformità mal-Ftehim tal-WTO dwar is-Salvagwardji, abbażi tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament dwar l-Infurzar[15].

17. Il-miżuri xierqa għal dak il-għan ħadu l-forma ta' miżuri ta' politika kummerċjali li jikkonsistu fis-sospensjoni ta' konċessjonijiet tariffarji u l-impożizzjoni ta' dazji doganali ġodda jew miżjuda[16].

18. Għal prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 9613 80 00 ("Lajters oħrajn" u li jaqgħu fil-kategorija ta' "Lajters tas-sigarretti, [ħlief alluminaturi ta' titlu 3603], kemm jekk mekkaniċi jew elettriċi, u partijiet tagħhom ħlief żnied u ftejjel"), dan fisser l-impożizzjoni ta' dazju *ad valorem* addizzjonali

[9] Ara WTO, Kumitat dwar is-Salvagwardji, Notifika immedjata skont l-Artikolu 12(5) tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji lill-Kunsill għall-Kummerċ fil-Merkanzija dwar is-sospensjoni proposta ta' konċessjonijiet u ta' obbligi oħra msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji, G/SG/N/12/EU/1, p. 1.

[10] Ara r-Reġistru Federali tal-Istati Uniti, Proklama 9980 tal-24 ta' Jannar 2020, Adjusting Imports of Derivative Aluminum Articles and Derivative Steel Articles Into the United States, FR Doc. 2020-01806.

[11] Regolament (UE) Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' regoli kummerċjali internazzjonali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3286/94 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Komunità fil-qasam ta' politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Komunità skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ĠU 2014, L 189, p. 50, rettifika fil-ĠU 2015, L 243, p. 14.

[12] Ara s-sentenza appellata, punt 7.

[13] Fil-punt 7 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tispjega li "fost il-miżuri previsti fi tmiem l-imsemmi ġbir" l-Kummissjoni indikat il-possibbiltà ta' applikazzjoni ta' dazji *ad valorem* addizzjonali għal prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 9613 80 00. Madankollu, jidhirli mill-proċess tal-Qorti Ġenerali li l-kwestjonarju ppubblikat fuq is-sit tad-DĠ Kummerċ diġà indika l-possibbiltà li jiżdiedu d-dazji doganali għal prodotti li jaqgħu taħt dan il-kodiċi NM.

[14] Ara r-regolament ikkontestat, premessa 2.

[15] Ara r-regolament ikkontestat, premessi 8 u 9.

[16] Ara r-regolament ikkontestat, premessa 9.

ta' 20 %[17]. Skont ir-regolament ikkontestat, "[f]it-tfassil u l-għażla ta' dawn il-miżuri, il-Kummissjoni applikat il-kriterji oġġettivi f'konformità mal-Artikolu 4(2)(c) u l-Artikolu 4(3) tar-Regolament [dwar l-Infurzar][18].

19. L-Artikolu 4(2)(c) ta' dan l-aħħar regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta miżuri ta' politika kummerċjali f'livell "sostanzjalment ekwivalenti għal-livell ta' konċessjonijiet jew obbligi oħra affettwati mill-miżura ta' salvagwardja, skont il-kondizzjonijiet tal-Ftehim tal-WTO dwar is-Salvagwardji".

20. Skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament dwar l-Infurzar, il-miżuri ta' politika kummerċjali inkwistjoni għandhom jiġu ddeterminati abbażi ta' "(a) l-effettività tal-miżuri fit-tnedija tal-konformità ta' pajjiżi terzi mar-regoli tal-kummerċ internazzjonali"; "(b) il-potenzjal tal-miżuri li jipprovdu eżenzjoni lill-operaturi ekonomiċi fl-Unjoni affettwati minn miżuri ta' pajjiżi terzi"; "(c) id-disponibbiltà ta' sorsi alternattivi ta' provvista għall-oġġetti jew is-servizzi kkonċernati, biex ikun evitat jew minimizzat kwalunkwe impatt negattiv fuq l-industriji downstream, awtoritajiet jew entitajiet kontraenti, jew fuq il-konsumaturi finali fl-Unjoni"; "(d) l-evitar ta' kumplessità amministrattiva sproporzjonata u spejjeż fl-applikazzjoni tal-miżuri"; u "(e) kwalunkwe kriterju speċifiku li jista' jiġi stabbilit fi ftehimiet internazzjonali tal-kummerċ relatati mal-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3" tar-Regolament dwar l-Infurzar.

21. Mill-proċess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, skont nota tas-26 ta' Marzu 2020 mid-DĠ Kummerċ, taħt l-eżerċizzju ta' ġbir ta' informazzjoni tal-Artikolu 9, "l-evalwazzjoni tad-diversi talbiet mill-partijiet ikkonċernati rriflettiet il-kriterji rilevanti skont ir-[R]egolament dwar l-Infurzar, jiġifieri [(b)] u [(c)] iktar 'il fuq. Dawn il-kriterji ggwidaw lill-Kummissjoni fl-għażla tal-prodott fl-ewwel lok. Peress li l-miżuri previsti huma tariffi applikati fil-fruntiera, il-kundizzjoni taħt [(d)] hija ssodisfatta. Il-kriterju (e) ma japplikax peress li l-Ftehim tal-WTO dwar is-Salvagwardji ma jistabbilixxix kriterji speċifiċi addizzjonali lil hinn mill-ekwivalenza sostanzjali. Il-kriterju (a) ma huwiex applikabbli għas-sitwazzjoni peress li huwa rilevanti għal sitwazzjonijiet oħra previsti taħt ir-Regolament dwar l-Infurzar"[19].[traduzzjoni mhux uffiċjali]

22. Ir-regolament ikkontestat daħal fis-seħħ tas-6 ta' April 2020[20].

23. Fis-7 ta' April 2020, l-Unjoni Ewropea nnotifikat lill-Kunsill tal-WTO għall-Kummerċ fil-Merkanzija l-miżuri imposti mir-regolament ikkontestat skont l-Artikolu 8(2) tal-Ftehim tal-WTO dwar is-Salvagwardji[21].

24. Wara li l-Istati Uniti ħabbru, fit-30 ta' Ottubru 2021, is-sospensjoni tal-miżuri tagħhom għal perijodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni ssospendiet ukoll il-miżuri imposti mir-regolament ikkontestat sal-31 ta' Diċembru 2023[22].

[17] Ara l-Artikolu 1(2) tar-regolament ikkontestat.

[18] Ara r-regolament ikkontestat, premessa 10.

[19] Dak id-dokument huwa rreġistrat bħala Ares(2020)1798978 u ġie mehmuż minn Zippo mar-risposta fil-livell tal-Qorti Ġenerali.

[20] Ara r-regolament ikkontestat, Artikolu 3.

[21] Ara WTO, Kumitat dwar is-Salvagwardji, Notifika immedjata skont l-Artikolu 12.5 tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji lill-Kunsill għall-Kummerċ fil-Merkanzija dwar is-sospensjoni proposta ta' konċessjonijiet u ta' obbligi oħra msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji, G/SG/N/12/EU/2, p. 1.

[22] Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2083 tas-26 ta' Novembru 2021 li jissospendi ċerti miżuri ta' politika kummerċjali rigward ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka imposti bir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/886 u (UE) 2020/502 (ĠU 2021, L 426, p. 41).

B. Is-sentenza appellata

25. Lajters mekkaniċi tal-metall "reżistenti għar-riħ" immanifatturati minn Zippo Manufacturing Co. fl-Istati Uniti, huma importati fl-Unjoni Ewropea minn Zippo GmbH taħt il-kodiċi NM 9613 80 00 (iktar 'il quddiem "il-prodott ikkonċernat"). Dan il-kodiċi NM jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament ikkontestat.

26. Fit-30 ta' Ġunju 2020, Zippo fetħet proċeduri fejn talbet l-annullament tar-regolament ikkontestat.

27. Fit-18 ta' Ottubru 2023, il-Qorti Ġenerali tat is-sentenza appellata, li permezz tagħha annullat ir-regolament ikkontestat sa fejn jikkonċerna prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 9613 80 00 fuq il-bażi li l-Kummissjoni naqset milli tirrispetta d-dritt għal smigħ ta' Zippo matul il-proċedura li wasslet għall-adozzjoni ta' dak ir-regolament.

28. Essenzjalment, dik is-sentenza hija strutturata kif ġej.

29. Dwar l-ammissibbiltà, il-Qorti Ġenerali qieset biss is-sitwazzjoni ta' Zippo Manufacturing Co.[23].

30. L-ewwel, dik il-qorti spjegat li Zippo Manufacturing Co. kienet individwalment ikkonċernata mir-regolament ikkontestat minħabba "numru ta' elementi fattwali u legali li jikkostitwixxu sitwazzjoni partikolari li [tikkaratterizzaha] […] fir-rigward ta' kull operatur ekonomiku ieħor"[24]. It-tieni, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li r-regolament ikkontestat kien ta' ħassib dirett għal Zippo Manufacturing Co., fost affarijiet oħra, għax dak ir-regolament affettwa d-dritt ta' aċċess ta' dik il-kumpanija għas-suq tal-Unjoni[25]. It-tielet, dik il-qorti qieset li dik il-kumpannija żammet interess li tressaq proċeduri, minkejja s-sospensjoni tar-regolament ikkontestat, sabiex tipprevjeni li kwalunkwe illegalità allegata terġa' sseħħ fil-futur[26].

31. Dwar il-mertu tar-rikors, il-Qorti Ġenerali immedjatament dawret l-attenzjoni tagħha għall-ħames motiv, li bih Zippo allegat ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba mill-Kummissjoni[27].

32. L-ewwel, dik il-qorti evalwat it-talba ta' Zippo mill-perspettiva tar-rekwiżiti stabbiliti mill-Artikolu 9 tar-Regolament dwar l-Infurzar. Hija sabet li dik id-dispożizzjoni ma kinitx teħtieġ li l-Kummissjoni tinforma lill-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar il-proċedura ta' ġbir ta' informazzjoni permezz ta' pubblikazzjoni *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, iżda li avviż ta' dak il-proċess billi ġie ppubblikat avviż fuq is-sit tad-DĠ Kummerċ kien biżżejjed[28].

[23] Ara s-sentenza appellata, punti 44 u 45.

[24] Sentenza appellata, punti 30 u 31.

[25] Sentenza appellata, punt 41.

[26] Sentenza appellata, punt 47.

[27] Il-Qorti Ġenerali ma ddeċidietx dwar l-erba' motivi l-oħra mressqa minn Zippo, jiġifieri, l-ewwel, il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità; it-tieni, il-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u ta' ugwaljanza fit-trattament; it-tielet, żball manifest ta' evalwazzjoni fid-dritt u fil-fatti minħabba l-assenza ta' motivazzjoni xierqa tar-raġunament relatat mal-għażla tal-prodott ikkonċernat; u, ir-raba', żball manifest ta' evalwazzjoni fid-dritt relatat mal-obbligi tal-Unjoni Ewropea fil-WTO.

[28] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza appellata, punti 53 sa 58.

33. It-tieni, il-Qorti Ġenerali osservat li d-dritt għal amministrazzjoni tajba jinkludi d-dritt indipendenti ta' kull persuna għal smigħ qabel ma tittieħed miżura individwali li tista' taffettwaha ħażin. F'dan ir-rigward, hija bbażat ruħha fuq l-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta [29]. Skont dik il-qorti, il-miżuri ta' bbilanċjar mill-ġdid imposti skont l-Artikolu 4 tar-Regolament dwar l-Infurzar "huma intiżi […] sabiex jipproduċu riperkussjonijiet ekonomiċi negattivi fuq l-attività tal-impriżi tal-Istati Uniti li jesportaw lejn l-Unjoni l-prodotti li għalihom japplikaw dawn il-miżuri" [30]. Għaldaqstant, tali miżura, "anki jekk ma titteħidx wara proċedura individwali kontra l-impriżi esportaturi tal-prodotti kkonċernati […] tista' tikkostitwixxi miżura li tista' taffettwa b'mod sfavorevoli l-interessi tal-imsemmija impriżi", b'tali mod li "ma jistax jiġi eskluż" li dawk l-impriżi jistgħu jinvokaw id-dritt għal smigħ [31].

34. Fl-istess ħin, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar l-Infurzar ma jikkostitwixxix implimentazzjoni tad-dritt għal smigħ, sa fejn jipprevedi l-obbligu għall-Kummissjoni li tfittex informazzjoni u fehmiet dwar l-interessi ekonomiċi tal-Unjoni Ewropea f'oġġetti jew servizzi speċifiċi u mhux informazzjoni dwar l-interessi partikolari tal-impriżi affettwati b'mod sfavorevoli mill-miżuri proposti tal-Unjoni [32].

35. Fid-dawl ta' dawn il-premessi, u peress li l-Kummissjoni kienet konxja li Zippo x'aktarx kienet ser tiġi affettwata b'mod sfavorevoli mill-miżuri introdotti mir-regolament ikkontestat, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-Kummissjoni messha tat lil dik il-parti l-opportunità li tinstema' matul il-proċedura għall-adozzjoni tar-regolament ikkontestat [33].

36. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali sabet li l-ksur tad-dritt għal smigħ seta' kellu impatt fuq l-eżitu tal-proċedura. Hija qieset li kieku Zippo ngħatat id-dritt għal smigħ, "ma jistax jiġi eskluż li r-Regolament ikkontestat kien ikollu kontenut differenti" [34].

37. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti Ġenerali laqgħet il-ħames motiv u annullat ir-regolament ikkontestat mingħajr ma eżaminat il-motivi l-oħra.

C. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

38. Permezz tal-appell tagħha ppreżentat fis-26 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza appellata, tiċħad il-ħames motiv relatat mal-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tikkundanna lil Zippo għall-ispejjeż.

39. Zippo titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell, u, sussidjarjament, tibgħat il-kawża lura lill-Qorti Ġenerali, kif ukoll tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

40. Kemm il-Kummissjoni kif ukoll Zippo eżerċitaw id-dritt tagħhom għal risposta u kontroreplika. Ma saret l-ebda seduta.

[29] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza appellata, punti 59 sa 63.

[30] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza appellata, punti 67 sa 71.

[31] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza appellata, punti 72 u 73.

[32] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza appellata, punt 67.

[33] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza appellata, punti 74 sa 77.

[34] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza appellata, punti 87 sa 90.

III. Analiżi

41. Il-Qorti tal-Ġustizzja talbet li niffoka l-analiżi tiegħi fuq l-ewwel aggravju. F'dan l-aggravju, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali b'mod żbaljat iddeċidiet li dik l-istituzzjoni kienet kisret id-dritt għal smigħ ta' Zippo, kif sanċit fl-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta [35].

42. L-aggravju tal-Kummissjoni jinqasam fi tliet partijiet. L-ewwel parti tallega li l-Qorti Ġenerali injorat il-fatt li l-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta ma japplikax għal miżuri ta' applikazzjoni ġenerali. It-tieni parti mbagħad issostni li r-regolament ikkontestat ma kienx jikkostitwixxi "miżura individwali". Fl-aħħar nett, it-tielet punt isostni li anki kieku Zippo kellha dritt għal smigħ fir-rigward tal-adozzjoni tar-regolament ikkontestat, dak id-dritt kien ikun issodisfatt mill-proċedura ta' ġbir ta' informazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar l-Infurzar.

43. Ser insegwi l-istruttura tal-Kummissjoni u nittratta l-argumenti relatati mat-tliet partijiet wieħed wieħed (Taqsima A). Għalkemm ser nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' t-tliet taqsimiet kollha, ippreżentati mill-Kummissjoni, ser nikkonkludi li l-kawża ma hijiex fi stat li tiġi deċiża u li l-kawża, għaldaqstant, għandha tintbagħat lura lill-Qorti Ġenerali (Taqsima B).

A. L-ewwel aggravju

1. L-ewwel parti: L-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta ma japplikax għal miżuri ta' applikazzjoni ġenerali

44. Skont il-Kummissjoni, filwaqt li l-Qorti Ġenerali kkonstatat b'mod korrett li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta huwa llimitat għal miżuri individwali [36], hija naqset milli tapplika dak ir-rekwiżit għall-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tar-regolament ikkontestat, peress li dak l-att tad-dritt tal-Unjoni ma jikkostitwixxix miżura individwali fis-sens ta' dik id-dispożizzjoni [37].

45. Min-naħa tagħha, Zippo tqis li l-Qorti Ġenerali ma injoratx ir-rekwiżit għal miżura individwali, kif jirriżulta mill-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta, u li s-sentenza appellata ma ssostnix mod ieħor.

46. Filwaqt li naqbel ma' Zippo li s-sentenza appellata ma tgħidx hekk espressament, il-Kummissjoni ġustament issostni li l-Qorti Ġenerali tidher li tinterpreta u tapplika l-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta bħallikieku r-rekwiżit ta' "miżura individwali" stabbilit fih ma kienx jeżisti, bl-effett li dik il-qorti tidher li tikkonkludi li effett negattiv fuq persuna jkun biżżejjed sabiex jattiva d-dritt għal smigħ [38].

47. Dan l-approċċ huwa żbaljat b'mod ċar.

[35] Fil-bidu tal-ewwel aggravju tagħha, il-Kummissjoni tidher li tallega li l-ħames aggravju ta' Zippo fil-fatt ma kopriex id-dritt għal smigħ, peress li dak l-aggravju jikkritika l-proċedura ta' ġbir ta' informazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar l-Infurzar mill-perspettiva tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, kif sanċit fl-Artikolu 41 tal-Karta. Madankollu, il-Kummissjoni ma tikkritikax espliċitament lill-Qorti Ġenerali talli marret *ultra petita* fir-rigward tal-ħames aggravju mqajjem minn Zippo. Fi kwalunkwe każ, interpretazzjoni wiesgħa ta' dan l-aggravju ma tippermettix li l-argumenti ta' Zippo jiġu interpretati bħala li jqajmu ksur tad-dritt għal smigħ, peress li Zippo targumenta li l-Kummissjoni kellha tinfurmahom individwalment minħabba l-miżuri inkwistjoni mmirati lejhom.

[36] Ara s-sentenza appellata, punt 61.

[37] Fl-appell tagħha, il-Kummissjoni tirreferi għall-punti 63, 65, 73 u 91 tas-sentenza appellata sabiex tissostanzja dan l-argument.

[38] Ara l-punti 63, 65, 67 u 72 sa 74 tas-sentenza appellata.

48. Mill-formulazzjoni tal-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta kif ukoll tal-ġurisprudenza rilevanti [39] diġà jirriżulta li d-dritt għal smigħ skont dik id-dispożizzjoni japplika suġġett għal żewġ kundizzjonijiet: l-ewwel, li l-miżura tkun miżura individwali li jkollha tiġi adottata fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva mwettqa fir-rigward ta' persuna u, it-tieni, li l-miżura li jkollha tiġi adottata jkun jista' jkollha effett sfavorevoli fuq dik il-persuna.

49. Huwa abbażi ta' dik il-loġika li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dritt għal smigħ kif rifless fl-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta japplika biss fil-kuntest ta' proċedura li fiha l-amministrazzjoni tieħu miżura individwali fir-rigward ta' persuna, u mhux fil-kuntest ta' proċedura li twassal għal miżura ta' applikazzjoni ġenerali [40].

50. Hemm raġunijiet ta' politika importanti għaliex dik il-limitazzjoni hija ġġustifikata: il-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' applikazzjoni ġenerali, jekk mhux kollha, jistgħu jaffettwaw b'mod sfavorevoli mill-inqas persuna fiżika jew ġuridika waħda, kemm jekk identifikabbli minn qabel kif ukoll jekk le. Anki jekk, kif sostniet ukoll il-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom iqisu l-impatt li tali miżuri jista' jkollhom fuq persuni fiżiċi jew ġuridiċi, ma humiex meħtieġa jqisu ċ-ċirkustanzi partikolari ta' dawk il-persuni.

51. Għaldaqstant, l-inċidenza ġenerali fuq persuna minn tali miżura ma tistax tkun biżżejjed sabiex tagħti bidu għad-dritt għal smigħ, kif sanċit fl-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta.

52. Kif il-Kummissjoni ġustament tipproponi, l-oppost, jiġifieri li jingħata d-dritt għal smigħ lil kull persuna li tista' tiġi affettwata minn miżura ta' applikazzjoni ġenerali, ma jkunx fattibbli fil-prattika.

53. Madankollu, anki jekk jinstab mezz sabiex jitwettaq tali eżerċizzju, ikun impossibbli li jiġu identifikati u infurmati dawk il-persuni kollha affettwati minn miżura ta' applikazzjoni ġenerali sabiex jinstemgħu.

54. Fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni dan huwa l-każ għaliex, kif spjegat il-Kummissjoni b'risposta għad-domandi li saru lill-partijiet mill-Qorti Ġenerali, hija lanqas biss għandha disponibbli lista ta' importaturi ta' prodott partikolari. Lanqas ma għandha aċċess għal informazzjoni individwali, li tippermetti l-identifikazzjoni ta' persuni potenzjalment affettwati.

[39] Ara l-Ispjegazzjonijiet relatati mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fir-rigward tal-Artikolu 41, li jirreferu, fost l-oħrajn, għas-sentenzi tal-21 ta' Novembru 1991, Technische Universität München (C-269/90, EU:C:1991:438, punt 14) u tas-6 ta' Diċembru 1994, Lisrestal *et* vs Il-Kummissjoni (T-450/93, EU:T:1994:290, punt 42), ikkonfermata fl-appell fis-sentenza tal-24 ta' Ottubru 1996, Il-Kummissjoni vs Lisrestal *et* (C-32/95 P, EU:C:1996:402, punt 21 *et seq*).

[40] Ara s-sentenza tas-17 ta' Marzu 2011, AJD Tuna (C-221/09, EU:C:2011:153, punt 49) li tiċħad l-applikazzjoni tad-dritt għal smigħ skont l-Artikolu 41 tal-Karta fir-rigward ta' miżuri ta' applikazzjoni ġenerali fil-qasam tal-politika komuni tas-sajd. Ara wkoll is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2023, Arysta LifeScience Great Britain vs Il-Kummissjoni (C-259/22 P, EU:C:2023:513, punti 49 u 50), kif ukoll, b'analoġija, fir-rigward ta' miżuri leġiżlattivi, is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 1999, Atlanta vs Il-Komunità Ewropea (C-104/97 P, EU:C:1999:498, punti 35 sa 38).

55. Minn dan isegwi li kemm, għal raġunijiet ġuridiċi kif ukoll prattiċi, id-dritt "individwali" għal smigħ, kif sanċit fl-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta, jista' jirriżulta biss fir-rigward ta' miżuri individwali [41].

56. Għalhekk, l-ewwel parti tal-ewwel aggravju għandha tintlaqa'.

2. It-tieni parti: ir-regolament ikkontestat ma jikkostitwixxix "miżura individwali"

57. Il-Kummissjoni tkompli ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li r-regolament ikkontestat jikkostitwixxi, fir-rigward ta' Zippo, miżura individwali fis-sens tal-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta.

58. Naqbel mal-Kummissjoni.

59. L-ewwel, il-miżura ikkontestata hija regolament, att li, bis-saħħa tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, huwa ta' applikazzjoni ġenerali għal kull suġġett tad-dritt tal-Unjoni.

60. Madankollu, Zippo għandha raġun tafferma, essenzjalment, li dik il-forma waħedha ma tiddeterminax il-possibbiltà li r-regolament ikkontestat jista' jkun fih deċiżjonijiet individwali fir-rigward ta' persuni speċifiċi, b'tali mod li d-dritt għal smigħ, kif rifless fl-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta jista' japplika għaliha [42].

61. Dan huwa l-każ, pereżempju, fl-oqsma tal-antidumping u tal-miżuri restrittivi, fejn il-Kummissjoni u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jadottaw regolamenti sabiex jimponu ċerti miżuri fuq persuni fiżiċi jew ġuridiċi *ad nominen*. Tali miżuri, anki jekk ġeneralment jiġu adottati fil-forma ta' regolament, għal xi persuni fiżiċi u ġuridiċi għandhom il-karatteristiċi ta' deċiżjoni, peress li jirriflettu l-pożizzjoni finali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni wara proċedura amministrattiva fir-rigward tas-sitwazzjoni partikolari tagħhom [43].

[41] Madankollu, dan ma jipprevjenix lil-leġiżlatur tal-Unjoni, jew saħansitra lill-Kummissjoni meta teżerċita setgħat delegati, milli jagħżlu li tagħti lill-persuni affettwati minn miżura ta' applikazzjoni ġenerali d-dritt għal smigħ; ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2023, Arysta LifeScience Great Britain vs Il-Kummissjoni (C-259/22 P, mhux ippubblikata, EU:C:2023:513, punt 51). Għal eżempji mill-qasam tal-politika kummerċjali komuni, ara l-Artikolu 5(10), l-Artikolu 6(5) u l-Artikolu 21(3) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, L 176, p. 21, rettifika fil-ĠU L, 2023/90208) u l-Artikoli 4 u 15 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1083/2013 tat-28 ta' Awwissu 2013 li jistabbilixxi regoli marbuta mal-proċedura għall-irtirar temporanju ta' preferenzi tariffarji u mal-adozzjoni ta' miżuri ġenerali ta' salvagwardja skont ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati (ĠU 2013, L 293, p. 16).

[42] Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Athinaïki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-521/06 P, EU:C:2008:422, punti 42 sa 44), li jispjegaw li, bħala prinċipju, huwa irrilevanti għall-finijiet tal-kwalifika ta' att jekk dan jissodisfax jew le ċerti rekwiżiti formali, iżda li wieħed irid iqis is-sustanza tal-miżura kkontestata u l-intenzjoni tal-awtur tagħha.

[43] Ara, b'mod notevoli, fil-qasam tal-antidumping, is-sentenza tad-29 ta' Marzu 1979, NTN Toyo Bearing *et* vs Il-Kunsill (113/77, EU:C:1979:91, punt 8), li tispjega li regolament antidumping huwa "individwalizzat" għal dawk il-produtturi esportaturi tal-prodott ikkonċernat li l-informazzjoni tagħhom tkun intużat matul l-investigazzjoni). Ara wkoll is-sentenza tal-21 ta' Frar 1984, Allied Corporation *et* vs Il-Kummissjoni (239/82 u 275/82, EU:C:1984:68, punti 11 u 2), li tispjega, fil-punt 12 tagħha, li "miżuri li jimponu dazji antidumping jistgħu jikkonċernaw direttament u individwalment lil dawk il-produtturi u esportaturi li jistgħu jistabbilixxu li ġew identifikati fil-miżuri adottati mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill jew kienu kkonċernati mill-investigazzjonijiet preliminari". Fil-qasam tal-miżuri restrittivi, ara b'mod partikolari s-sentenza tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461, punti 241 sa 244) u s-sentenza tat-23 ta' April 2013, Gbagbo *et* vs Il-Kunsill (C-478/11 P sa C-482/11 P, EU:C:2013:258, punt 56. Din tal-aħħar tispjega li "fl-istess ħin jikkostitwixxu kemm atti b'portata ġenerali sa fejn jipprojbixxu lil kategorija ta' destinatarji ddeterminati b'mod ġenerali u astratt, b'mod partikolari, milli jqiegħdu fondi u riżorsi ekonomiċi għad-dispożizzjoni tal-persuni u tal-entitajiet li isimhom ikun jinsab fil-listi li jinsabu fl-annessi tagħhom, u kif ukoll sensiela ta' deċiżjonijiet individwali fir-rigward ta' dawn il-persuni u entitajiet".

62. Għal dik ir-raġuni, dawk il-persuni fiżiċi u ġuridiċi jistgħu jinvokaw id-dritt għal smigħ bħallikieku dak ir-regolament kien indirizzat lilhom, anki meta d-dritt sekondarju rilevanti tal-Unjoni ma jipprevedix diġà din il-possibbiltà [44].

63. Madankollu, ir-regolament ikkontestat huwa differenti.

64. Huwa jiddetermina b'mod oġġettiv sitwazzjonijiet u jipproduċi effetti ġuridiċi fir-rigward ta' kategoriji ta' persuni previsti b'mod ġenerali u b'mod astratt [45].

65. F'dan il-każ, huwa japplika għall-importazzjonijiet kollha mill-Istati Uniti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 9613 80 00.

66. Għal dak il-għan, ir-regolament ikkontestat ma jużax l-informazzjoni relatata mal-attivitajiet kummerċjali ta' kwalunkwe waħda mill-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jaffettwa.

67. Lanqas ma huwa dirett kontra l-aġir ta' impriża partikolari [46], jew indirizzat lil Zippo [47].

68. Minflok, kif spjegat il-Qorti Ġenerali nnifisha, ir-regolament ikkontestat ifittex b'mod ġenerali li jpoġġi pressjoni fuq l-Istati Uniti sabiex ibiddlu l-prattiki tagħhom [48].

69. Bħala tali, Zippo ma tistax issostni li r-regolament ikkontestat huwa miżura individwali indirizzata lilha, u li għalhekk kellha tingħata d-dritt għal smigħ qabel l-adozzjoni tiegħu.

70. L-ebda waħda mis-sentenzi li bbażat fuqhom il-Qorti Ġenerali ma tjipprovdiu bażi għall-konklużjoni opposta [49].

[44] Ara, pereżempju, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 1991, Al-Jubail Fertilizer vs Il-Kunsill (C-49/88, EU:C:1991:276, punt 17), li tirrikonoxxi l-ħtieġa għal dritt għal smigħ anki f'sitwazzjoni fejn il-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni inkwistjoni ma tkunx ipprevediet dik il-possibbiltà).

[45] Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 1982, Alusuisse Italia vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (307/81, EU:C:1982:337, punt 9), li tispjega li regolament antidumping ġeneralment japplika għall-importazzjonijiet tal-prodotti kollha minn ċertu pajjiż, suġġett għal ċerti eċċezzjonijiet fir-rigward tal-persuni kollha li ma jkunux espressament imsemmija fih bħala li għandhom dazju speċifiku impost fuqhom).

[46] Ara s-sentenza appellata, punti 69, li jispjega li l-miżuri ta' bbilanċjar mill-ġdid inkwistjoni ma humiex diretti kontra Zippo, u 7, li jikkonstata li dawk il-miżuri "ma [jitteħdux] wara proċedura individwali kontra l-impriżi esportaturi tal-prodotti kkonċernati minnha").

[47] Ara, *ex multis*, is-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2009, Foshan Shunde Yongjian Housewares & Hardware v Il-Kunsill (C-141/08 P, EU:C:2009:598, punt 83 u l-ġurisprudenza ċċitata), li tispjega li d-dritt għal smigħ jeħtieġ li d-destinatarji ta' deċiżjonijiet li jaffettwaw b'mod sinjifikattiv l-interessi tagħhom għandhom jitqiegħdu f'pożizzjoni fejn ikunu jistgħu effettivament jesprimu l-fehmiet tagħhom.

[48] Ara s-sentenza appellata, punt 29.

[49] Kif tenfasizza b'mod korrett il-Kummissjoni, il-każijiet kollha li ċċitat il-Qorti Ġenerali, fil-punti 61 sa 65 tas-sentenza appellata, kienu jikkonċernaw ċirkustanzi li fihom kienu inkwistjoni proċeduri individwali. Għaldaqstant, l-ebda waħda minn dawk is-sentenzi ma tapprova l-fehma li s-sempliċi eżistenza ta' effetti negattivi tkun biżżejjed sabiex tattiva d-dritt għal smigħ. B'hekk, is-sentenza tal-5 ta' Novembru 2014, Mukarubega (C-166/13, EU:C:2014:2336) kienet tikkonċerna proċedura individwali għar-ritorn ta' ċittadin ta' pajjiż terz li kien qed jirrisjedi illegalment; is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2020, SEAE vs De Loecker (C-187/19 P, EU:C:2020:444) kienet tikkonċerna deċiżjoni individwali relatata mat-trasferiment fl-interess tas-servizz ta' membru tal-persunal temporanju tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna; is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2021, Algebris (UK) u Anchorage Capital Group vs SRB (C-934/19 P, EU:C:2021:1042) kienet tikkonċerna deċiżjoni relatata mar-riżoluzzjoni ta' Banco Popular, u għalhekk aktarx indirizzata lil dik il-persuna ġuridika, li ġiet ikkontestata minn terz li għalhekk ma kellhiex id-dritt għal smigħ; u, fl-aħħar nett, is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2014, Spanja vs Il-Kummissjoni (T-260/11, EU:T:2014:555) kienet tikkonċerna deċiżjoni li kienet indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

71. Il-fatt li l-iżvolġiment tal-proċedura għall-adozzjoni tar-regolament ikkontestat wassal lill-Kummissjoni sabiex tidentifika persuna li l-interessi tagħha jistgħu jiġu affettwati b'mod sfavorevoli [50], jew li din l-istituzzjoni kienet konxja li l-prodott ikkonċernat kien jaqa' fil-kategoriji ta' prodotti koperti minn dak l-att [51] li, barra minn hekk, identifikat fuq inizjattiva tagħha stess [52], ma jfissirx li r-regolament ikkontestat ġie adottat fi proċedura kontra, jew fir-rigward, ta' Zippo.

72. Dawk il-fatti waħedhom ma jagħmlux ir-regolament ikkontestat miżura individwali fis-sens meħtieġ għall-applikazzjoni tal-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta.

73. Fil-fatt, ikun inkwetanti li kieku l-Kummissjoni ma kinitx konxja tas-sitwazzjoni u l-parteċipanti ewlenin fis-suq tal-Istati Uniti fil-qasam li fih din l-istituzzjoni ddeċidiet li timponi miżuri ta' bbilanċjar mill-ġdid għas-sempliċi raġuni li tali miżuri, skont ir-Regolament dwar l-Infurzar, fost affarijiet oħra għandhom jintgħażlu u jiġu mfassla sabiex iwasslu għall-konformità ta' pajjiżi terzi ma' regoli kummerċjali internazzjonali applikabbli [53].

74. Minn dan isegwi li ġustament il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball meta qieset li r-regolament ikkontestat jikkostitwixxi, għal Zippo, "miżura individwali", fis-sens tal-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta.

75. Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-argument ta' Zippo li jkun kontradittorju li tiġi aċċettata l-ammissibbiltà tal-azzjoni ġudizzjarja inkwistjoni, minn naħa waħda, iżda li tiġi kkontestata l-applikabbiltà tad-dritt għal smigħ, min-naħa l-oħra.

76. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi osservat li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tispjega li l-fatt li parti tkun direttament u individwalment ikkonċernata minn miżura ta' applikazzjoni ġenerali ma jfissirx li dik il-parti trid tkun ingħatat l-opportunità li tinstema' fil-proċedura li fuqha tkun ibbażata l-adozzjoni tagħha [54].

77. Kif sostniet ġustament il-Kummissjoni, sabiex persuna tingħata d-dritt għal smigħ skont l-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta, ma huwiex biżżejjed li persuna tkun individwalment ikkonċernata minn miżura. Il-proċedura inkwistjoni trid twassal ukoll għal "miżura individwali".

78. Dan jista' jiġi spjegat mill-iskopijiet differenti tal-kundizzjonijiet għal *locus standi* skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE u l-kundizzjonijiet sabiex jingħata d-dritt (individwali) għal smigħ skont l-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta. Minn naħa waħda, ir-rikonoxximent li persuna fiżika jew ġuridika jkollha *locus standi* quddiem il-Qrati tal-Unjoni jservi l-iskop li jippermetti lill-persuna affettwata b'mod sfavorevoli minn miżura tikkontesta l-validità legali tagħha.

[50] Sentenza appellata, punt 74.

[51] Sentenza appellata, punt 75.

[52] Sentenza appellata, punt 76.

[53] Ara r-Regolament dwar l-Infurzar, premessa 8.

[54] Ara s-sentenza tal-14 ta' Ottubru 1999, Atlanta vs Il-Komunità Ewropea (C-104/97 P, EU:C:1999:498, punti 34 u 35). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mischo fil-kawża Atlanta vs Il-Komunità Ewropea (C-104/97 P, EU:C:1999:234, punti 57 sa 70), li tispjega li s-sitwazzjoni ta' individwu li jkun direttament u individwalment ikkonċernat minn miżura hija differenti minn dik li tagħti lok għad-drittijiet tad-difiża, peress li, f'dan tal-aħħar każ, il-konnessjoni mal-miżura tkun waħda speċifika relatata biss mas-sitwazzjoni individwali tal-persuna inkwistjoni, u s-sentenza tal-11 ta' Settembru 2002, Pfizer Animal Health vs Il-Kunsill (T-13/99, EU:T:2002:209, punt 487) u s-sentenza tat-13 ta' Settembru 2023, Venezwela vs Il-Kunsill (T-65/18 RENV, EU:T:2023:529, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

Min-naħa l-oħra, id-dritt għal smigħ iservi l-iskop li jippermetti lil persuna tipprevjeni l-adozzjoni ta' deċiżjoni fir-rigward tagħha, fejn dik id-deċiżjoni jkollha effett sfavorevoli fuq is-sitwazzjoni personali ta' dik il-persuna [55].

79. Għalhekk, sabiex jingħata aċċess għall-Qrati tal-Unjoni, huwa biżżejjed li miżura tindividwalizza lill-persuna kkonċernata, anki jekk dik il-miżura ma tkunx ġiet adottata bil-ħsieb ta' din il-persuna.

80. Għall-kuntrarju, sabiex jingħata d-dritt għal smigħ fi proċedura amministrattiva, din il-proċedura għandha titwettaq bil-għan li tirrispondi għas-sitwazzjoni individwali tal-persuna kkonċernata u tintemm b'att li jista' jaffettwa lil dik il-persuna b'mod sfavorevoli.

81. Għalhekk, il-Kummissjoni kellha raġun issostni li l-konstatazzjoni li persuna fiżika jew ġuridika tkun individwalment ikkonċernata minn miżura ta' applikazzjoni ġenerali ma tfissirx neċessarjament li l-miżura inkwistjoni tikkostitwixxi "miżura individwali" fis-sens tal-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta.

82. It-tieni parti tal-ewwel aggravju għandha, għaldaqstant, tintlaqa' wkoll.

3. It-tielet parti: id-dritt għal smigħ ġie ssodisfatt permezz tal-proċedura mwettqa skont l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar l-Infurzar

83. Permezz tat-tielet parti l-Kummissjoni, essenzjalment, targumenta li anki kieku d-dritt għal smigħ skont l-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta kellu japplika għas-sitwazzjoni preżenti, dak id-dritt kellu jiġi ssodisfatt permezz tal-proċedura ta' ġbir ta' informazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar l-Infurzar.

a) Ammissibbiltà

84. Fir-risposta tagħha, Zippo oġġezzjonat għall-ammissibbiltà ta' dak l-argument tal-Kummissjoni. Hija tqis li l-appell tal-Kummissjoni fuq dan il-punt tal-argument ma identifikax biżżejjed il-punti rilevanti tas-sentenza appellata. Għalhekk, l-appell tal-Kummissjoni fuq din il-parti ma jissodisfax ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dik id-dispożizzjoni timponi li "l-aggravji u l-argumenti ta' liġi invokati għandhom jidentifikaw bi preċiżjoni l-punti tar-raġunijiet tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li huma kkontestati".

85. Jiena ma naqbilx.

86. Kif tispjega l-Kummissjoni, dak ir-rekwiżit proċedurali ma għandux jinftiehem b'mod formalistiku żżejjed, b'tali mod li jkun jirrikjedi, fil-każijiet kollha, li jsir riferiment għall-punti preċiżi tas-sentenza appellata.

[55] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2020, SEAE vs De Loecker (C-187/19 P, EU:C:2020:444) punt 69 u l-ġurisprudenza ċċitata, li tispjega li "b'mod partikolari għandu l-għan li jippermetti lill-awtorità kompetenti tikkoreġi żball jew li l-persuna kkonċernata ssostni l-elementi relatati mas-sitwazzjoni personali tagħha li jimmilitaw sabiex id-deċiżjoni tittieħed, ma titteħidx jew li jkollha tali jew tali kontenut".

87. Ir-*ratio legis* tal-Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura huwa li jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja twettaq l-istħarriġ tagħha tal-legalità ta' att tad-dritt tal-Unjoni [56].

88. Bħala tali, din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi espressjoni tal-Artikolu 256(2) TFUE u l-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li jirrikjedi li, fl-eżerċizzju tal-mandat tagħha fl-appell, il-Qorti tal-Ġustizzja tkun kapaċi tifhem is-suġġett tat-tilwima.

89. Dan ir-rekwiżit jiġi ssodisfatt meta appell jistabbilixxi, permezz tal-aggravji u l-argumenti li jippreżenta, liema elementi tas-sentenza appellata l-appellant jitlob li jiġu annullati [57].

90. Kif irrikonoxxiet il-Qorti tal-Ġustizzja, dan jista' jsir jew billi jiġu identifikati espressament il-motivi fis-sentenza appellata li huma kkontestati, "jew permezz tal-kwotazzjoni jew tar-riproduzzjoni tal-elementi li jinsabu fihom, b'tali mod li jistgħu jiġu identifikati" [58].

91. Fil-każ preżenti, permezz tat-tielet parti tal-ewwel aggravju, il-Kummissjoni ma tispjegax biss li tikkontesta, essenzjalment, il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar l-Infurzar ma jimplimentax id-dritt għal smigħ, kif rifless fl-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta, iżda tenfasizza wkoll liema punti preċiżi tas-sentenza appellata qed titlob li jiġu annullati [59].

92. Minn dan isegwi li l-appell jissodisfa l-Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura u li l-argument ta' inammissibbiltà ta' Zippo għandu jiġi miċħud.

b) Mertu

93. Fil-punt 67 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li "meta impriża, li l-interessi tagħha jistgħu jiġu affettwati b'mod sfavorevoli mill-miżuri previsti minn att ta' implimentazzjoni adottat mill-Kummissjoni konformement mal-Artikolu 4(1) [tar-Regolament dwar l-Infurzar], ma tkunx ipparteċipat f'tali ġbir ta' informazzjoni, ma jistax jitqies li d-dritt għal smigħ tagħha, kif iggarantit mill-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta, ma jkunx inkiser għas-sempliċi raġuni li l-Kummissjoni tkun issodisfat l-obbligu tagħha li torganizza l-imsemmi ġbir, skont l-Artikolu 9(1) ta' dan ir-regolament" [60].

94. Il-Kummissjoni tikkontesta din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 9 tar-Regolament dwar l-Infurzar peress li tqis li l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali ta' dik id-dispożizzjoni tista' tħeġġeġ lill-partijiet interessati sabiex ma jipparteċipawx fi proċeduri ta' ġbir ta' informazzjoni tat-tip li jsiru f'din il-kawża, biss sabiex iktar tard jikkontestaw il-validità tal-att riżultanti tad-dritt tal-Unjoni abbażi ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża.

95. Kif diġà spjegajt fil-punt 49 ta' dawn il-konklużjonijiet, id-dritt għal smigħ fi proċedura li twassal għall-adozzjoni ta' miżuri ta' applikazzjoni ġenerali, bħal fil-każ tar-regolament ikkontestat, ma jistax ikun ibbażat fuq l-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta.

[56] Ara, *ex multis*, is-sentenza tal-10 ta' Settembru 2024, Google u Alphabet vs Il-Kummissjoni (Google Shopping) (C-48/22 P, EU:C:2024:726, punt 63).

[57] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2000, Bergaderm u Goupil vs Il-Kummissjoni (C-352/98 P, EU:C:2000:361, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[58] Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2021, Aeris Invest vs SRB (C-874/19 P, EU:C:2021:1040, punt 51).

[59] Ara l-punti 73 u 74 tal-appell, li jikkontestaw il-punti 67, 85 u 86 tas-sentenza appellata. Ara wkoll paġna 3 tar-risposta, li tqis li fl-appell tal-Kummissjoni huma impliċiti wkoll kontestazzjonijiet diretti għall-punti 91 u 92 tas-sentenza appellata, li huma impliċiti wkoll fl-appell tal-Kummissjoni.

[60] Sentenza appellata, punt 67.

96. Minkejja dan, f'sistema bbażata fuq il-prinċipju tad-demokrazija parteċipattiva [61], fejn il-persuni li jistgħu jiġu affettwati minn miżuri ta' applikazzjoni ġenerali adottati mill-amministrazzjoni għandhom jingħataw l-opportunità li jesprimu l-interessi tagħhom u jispjegaw it-tħassib tagħhom [62], dik l-opportunità tista' tingħata permezz ta' xi tip ta' proċedura ta' ġbir ta' informazzjoni qabel l-adozzjoni ta' tali miżuri, bħal dik prevista fl-Artikolu 9 tar-Regolament dwar l-Infurzar.

97. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma sabet l-ebda kwistjoni relatata mat-trasparenza u mal-ftuħ ta' dik il-proċedura, sa fejn kienet din organizzata fir-rigward tal-adozzjoni tar-regolament ikkontestat [63].

98. Lanqas Zippo ma kkontestat dik il-konstatazzjoni permezz ta' appell inċidentali.

99. Għalhekk jista' jiġi konkluż li, f'dan il-każ, id-dritt għal smigħ fi proċeduri li jwasslu għall-adozzjoni ta' miżuri ta' applikazzjoni ġenerali, sa fejn tali dritt jista' jitqies li jeżisti skont id-dritt tal-Unjoni indipendentement mill-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta, kien issodisfatt.

100. Il-fatt li Zippo ma pparteċipatx f'dik il-proċedura ta' ġbir ta' informazzjoni, minkejja li ġiet infurmata bl-eżistenza tagħha permezz ta' avviż ippubblikat fuq is-sit internet tad-DĠ Kummerċ ma jikkontestax din il-konklużjoni.

101. Li kieku Zippo pparteċipat f'dik il-proċedura, setgħet tressaq l-argumenti li ssostni li setgħu kellhom impatt fuq il-kontenut tar-regolament ikkontestat, jiġifieri li "fil-mument tal-adozzjoni tar-Regolament ikkontestat, il-miżuri ta' bbilanċjar mill-ġdid ippjanati fir-rigward tal-prodotti tagħhom kienu jikkostitwixxu l-iktar forma iebsa tal-miżuri ta' bbilanċjar mill-ġdid ippjanati, kemm fuq il-livell tad-daqs tagħhom kif ukoll tal-ammont tagħhom, meta mqabbla ma' dawk li kienu jikkonċernaw industriji oħra tal-Istati Uniti", li "in-natura partikolarment severa ta' miżura li tirrigwarda impriża waħda u li tirrigwarda lilha l-konsegwenza sħiħa tal-miżuri ta' bbilanċjar mill-ġdid inkwistjoni jew ukoll il-fatt li l-prodotti tagħhom ma għandhomx rabta ma' dawk koperti mill-miżuri ta' salvagwardja adottati mill-Istati Uniti tal-Amerika, b'tali mod li l-miżuri meħuda mill-Kummissjoni ma jistgħux għaldaqstant jikkumpensaw l-effetti tal-imsemmija miżuri ta' salvagwardja", u li "billi indirizzathom speċifikament, il-Kummissjoni adottat miżura diskriminatorja, meta hija kellha l-possibbiltà li tagħżel prodotti oħra li kienu jikkonċernaw diversi impriżi u li tqassam b'mod iktar ġust il-miżuri ta' bbilanċjar mill-ġdid inkwistjoni" [64].

102. Għalhekk, anki kieku kien minnu li Zippo gawdiet xi tip ta' dritt "ġenerali" għal smigħ qabel l-adozzjoni ta' att ta' applikazzjoni ġenerali mill-Kummissjoni, li ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta, dak id-dritt ma kienx inkiser mill-Kummissjoni fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża.

[61] Ara l-Artikolu 11(1) TUE, li jistabbilixxi li "[l]-istituzzjonijiet għandhom, permezz ta' mezzi xierqa, jagħtu liċ-ċittadini u lill-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi l-opportunità li jgħarrfu u jiskambjaw pubblikament l-opinjonijiet tagħhom fl-oqsma ta' azzjoni kollha ta' l-Unjoni."

[62] Ara, f'dan ir-rigward, id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, (SWD(2021) 305 final, punt 1 tal-Kapitolu 2), fejn il-Kummissjoni tispjega li, skont l-Artikolu 11 TUE, "il-Kummissjoni għandha d-dmir li twettaq konsultazzjonijiet wesgħin mal-partijiet interessati sabiex tiżgura li l-azzjoni tal-Unjoni tkun koerenti u trasparenti. Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati hija mezz importanti sabiex tinġabar evidenza sabiex tappoġġja t-tfassil tal-politika" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Ara wkoll il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, Lejn kultura msaħħa ta' konsultazzjoni u djalogu - Prinċipji ġenerali u standards minimi għall-konsultazzjoni tal-partijiet interessati mill-Kummissjoni, COM(2002) 704 final, p. 15 u 16, li tistabbilixxi standards minimi għall-konsultazzjoni fejn "il-Kummissjoni tixtieq tiġġenera kontribut minn partijiet ikkonċernati esterni għat-tfassil tal-politika tagħha qabel ma tittieħed deċiżjoni mill-Kummissjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

[63] Ara s-sentenza appellata, punti 53 sa 58.

[64] Sentenza appellata, punt 88.

103. Minn dan isegwi li nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja taċċetta wkoll it-tielet parti tal-ewwel aggravju, u magħha l-ewwel aggravju kollu kemm hu.

B. Konsegwenzi

104. Skont l-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja tista, hija stess tiddeċiedi definittivament il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża.

105. F'din il-kawża, dik il-kundizzjoni ma hijiex issodisfatta.

106. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat biss il-ħames motiv ta' Zippo.

107. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, inqis li dan il-motiv huwa infondat. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi miċħud.

108. Madankollu, peress li l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx l-ewwel sar-raba' motiv invokati minn Zippo insostenn tar-rikors tagħha, li jikkonċernaw il-merti tar-regolament ikkontestat u, parzjalment, eżami li jinvolvi evalwazzjoni kumplessa tal-fatti[65], il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex l-elementi kollha meħtieġa sabiex tagħti deċiżjoni fuq il-mertu[66].

109. Konsegwentement, il-kawża għandha tintbagħat lura lill-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi dwar il-motivi u l-argumenti l-oħra, u l-ispejjeż għandhom jiġu rriżervati.

IV. Konklużjoni

110. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

– tannulla s-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2023, Zippo Manufacturing u Zippo vs Il-Kummissjoni (T-402/20, EU:T:2023:640);

– tiċħad il-ħames motiv bħala infondat;

– tibgħat il-kawża lura lill-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi dwar il-motivi u l-argumenti l-oħra mqajma quddiema; u

– tirriżerva l-ispejjeż.

[65] Ara, pereżempju, l-ewwel motiv, li jirrigwarda l-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità fl-għażla tal-prodott ikkonċernat. Dan il-motiv jirrikjedi evalwazzjoni dwar jekk il-miżuri kinux xierqa, neċessarji u marrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan ili għandu jintlaħaq minnhom.

[66] Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-25 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs European Food *et* (C-638/19 P, EU:C:2022:50, punt 154 u l-ġurisprudenza ċċitata).